**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA LL.D.**

**ONOR.IMĦALLEF AARON BUGEJA M.A. (LAW), LL.D. (MELIT).**

**Seduta ta' l-Erbgħa 23 ta' Marzu 2022**

**Att ta' Akkuza Nru. 14/2012**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Justin Zahra**

**Wayne Pisani**

**Il-Qorti :**

**1.** Rat l-Att tal-Akkuża mressaq quddiem il-Qorti Kriminali fit-12 ta' Ġunju 2022 kontra Justin Zahra u Wayne Pisani fejn l-Avukat Ġenerali akkużahom:

> **Fl-Ewwel Kap**, talli fit-13 ta' Novembru, 2009 għall-ħabta tad-9.30pm f'Ta' Sliema, ipprokuraw, biegħu jew xort'oħra ttraffikaw id-droga kokajina mingħajr ma kellhom liċenza mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, u mingħajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-

esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u

mingħajr ma kellhom liċenzja jew xort'oħra awtoriżżati li jimmanifaturaw d-droga msemmija, u mingħajr ma kellhom liċenzja li jipprokuraw l-istess droga, kif ukoll li Justin Zahra rrenda ruħu reċidiv.

**Fit-Tieni Kap**, talli fit-13 ta' Novembru, 2009 għall-ħabta tad-9.30pm f'Ta' Sliema, kellhom fil-pussess tagħhom id-droga kokajina meta ma kienux fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienux bil-liċenza jew xort'oħra awtoriżżati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollhom dik id-droga fil-pussess tagħhom, u dik id-droga ma ġietx fornita lilhom għall-użu tagħhom skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħhom, kif ukoll li Justin Zahra rrenda ruħu reċidiv.

**Fit-Tielet Kap,** talli fit-13 ta' Novembru, 2009 għall-ħabta tad-9.30pm f'Ta' Sliema, kellhom fil-pussess tagħhom r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża meta ma kienux fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienux bil-liċenza jew xort'oħra awtoriżżati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollhom dik id-droga fil-pussess tagħhom, u dik id-droga ma ġietx fornita lilhom għall-użu tagħhom skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħhom, kif ukoll illi Justin Zahra rrenda ruhu reċidiv.

**Fir-Raba Kap,** talli fit-13 ta' Novembru, 2009 għall-ħabta tad-9.30pm f'Ta' Sliema, kellhom fil-pussess tagħhom il-mediċina psikotropika Benzylpiperazine (BZP) li hija kkontrollata u ristretta bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma

kellhom l-ebda awtorizżazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika; u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħhom, kif ukoll li Justin Zahra rrenda ruhu reċidiv.

**2**. Rat s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fil-31 ta' Awwissu 2021 fejn, wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-akkużati fuq kull Kap tal-Att tal-Akkuża u wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-ħatja Justin Zahra u Wayne Pisani, għall-fini ta' piena erogabbli fil-konfront taghhom, u qieset is-sottomissjonijiet magħmula mid-difensuri tal-akkużati w ukoll is-sottomissjonijiet magħmula mill-Avukat Ġenerali, sabet lill-akkużati ħatja tal-akkużi dedotti fil-konfront tagħhom fl-erba' Kapi tal-Att t' Akkuża u ddikjarat lill-akkużat Justin Zahra waħdu reċediv fit-termini ta'l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Wara li rat l-artikoli 2, 8, 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a)(1A)(1B)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A. 24 u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101), r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi, l-artikoli 40A(1)(2)(3), 120A(1)(a), (2)(a)(ii), (2A), (2B) u 121A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x' jaqsmu magħha, (Kapitolu 31), ir-regolamenti 2 u 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviz Legali 22 tal-1985), L-Avviz Legali 77 ta' l-1988 u l-Avviz Legali 183 tal-1999 u l-artikolu 17 tal-Kap 9, ikkundannat lil Wayne Pisani għal terminu ta' priġunerija ta' tlett (3) snin u għall-ħlas ta' multa ta' elfejn u ħames mitt euro (€2,500.00), u kkundannat lil Justin Zahra għal terminu ta' priġunerija ta' tlett (3) snin u sitt (6) xhur u għal ħlas ta' multa ta' tlett elef euro (€3,000.00). Ordnat ukoll lill-ħatja li jħallsu is-somma ta' import ta' nofs tal-ispejjeż peritali kull wieħed inkorsi f'din il-kawża fl-ammont ta' €2,140.98 kull wieħed inkorsi fil-ħatra tal-esperti [rappreżentanti: relazzjoni ta' Godwin Sammut €302.32, relazzjoni oħra ta' Godwin Sammut €229.16, relazzjoni ta' Martin Bajada €580.94, relazzjoni ta' Joseph Mallia €1037.63, relazzjoni oħra ta' Joseph Mallia €1349.96, relazzjoni ta' PS 46 u PC 826 €217.56 u relazzjoni ta' Jeffrey Hughes €564.39], u dan fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali. Qiegħdet ukoll lill-ħati Wayne Pisani taħt Ordni ta' Trattament għall-perjodu ta' sena millum fit-termini tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, wara li wieġeb li hu dispost li joqgħod għal dan l-istess trattament. Ordnat l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-

oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli jew immobbli oħra tal-akkużati. Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota li d-droga eżebita hija meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, ordnat li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jkunu distrutti a kura tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali, li għandu jagħmel verbal ta' tali distruzzjoni w jġibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali w lill-ħati.

**3.** Rat ir-rikors ta' l-appell ippreżentat mill-Avukat Ġenerali fis-16 ta' Settembru 2021 li bih u għar-ragunijiet hemmhekk imsemmija talab lil din il-Qorti tbiddel u tirriforma is-sentenza appellata billi:

i. Tħassarha f'dik il-parti fejn applikat l-artikolu 22(2)(a)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 120A(2)(a)(ii) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u minflok tgħaddi biex tapplika u tagħti l-piena skont l-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 120A(2)(a)(i) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u;

ii. Tikkonfermaha fil-kumplament tagħha.

**4.** Rat ir-risposti ta'l-appell ppreżentati mill-appellati Justin Zahra u Wayne Pisani.

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawża.

**6**. Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat :**

**7**. Illi minn qari tar-rikors tal-appell jemerġi illi l-appellant Avukat Ġenerali ħassu aggravat bis-sentenza appellata unikament għal fatt illi fil-parti dispożittiva tas-sentenza, fil-fehma tiegħu, ġie ndikat l-artikolu tal-liġi żbaljat li jitkellem dwar ir-reat

u l-piena applikabbli għall-istess. Jilmenta illi s-sentenza mogħtija fil-konfront tal-appellati Justin Zahra u Wayne Pisani kienet imsejsa fuq miżinterpretazzjoni

manifesta jew applikazzjoni skorretta tal-artikoli 22(2)(a) tal-Kapitolu 101 u l-artikolu 120A(2)(a) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi, fil-fehma ta'l-Avukat Ġenerali, ġaldarba l-appellati ġew misjuba ħatja tar-reati ta' traffikar ta' droga kokajina, pussess aggravat ta' droga kokajina u raża tal-*cannabis* u tal-pussess aggravat ta' mediċina psikotropika, il-Qorti Kriminali kellha tgħaddi biex tapplika il-piena maħsuba fl-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kap.101 u 120A(2)(a)(i) tal-Kap.31 u mhux erronjament kif indikat fis-sentenza appellata l-artikolu 22(2)(a)(ii) u 120A(2)(a)(ii) tal-liġijiet imsemmija, liema disposizzjonijiet tal-liġi jitrattaw reati oħra marbuta mal-pussess illegali tad-droga u mhux dawk li dwarhom l-appellati kienu mixlija.

**8**. Illi l-appellati jilqgħu għal dan l-appell meta fl-ewwel lok jissollevaw il-preġudizzjali tan-nullita' tal-jedd ta' appell tal-Avukat Ġenerali u dan għaliex huma tal-fehma illi, min qari ta'l-aggravji imqanqla, l-Avukat Ġenerali interpona l-appell tiegħu fit-termini ta'l-artiklu 500(4) tal-Kodiċi Kriminali, liema jedd ta' appell huwa mogħti meta:

> **"is-sentenza hija b'mod ċar ir-riżultat ta' miżinterpretazzjoni manifesta jew ta' applikazzjoni manifestament skorretta tal-liġi li jkunu affetwaw il-verdett."**

Billi l-appellati jisħqu illi f'dan il-każ kien hemm l-ammissjoni tal-akkużati għar-reati lilhom addebitati fid-diversi Kapi ta'l-Att t'Akkuża u dan fit-termini tal-artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, kwindi il-ġuri ma ġiex iċċelebrat u allura ma kien hemm ebda verdett minn xi ġurija. L-aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa ċirkoskritt għal piena mogħtija u kwindi huwa dirett unikament lejn is-sentenza tal-Qorti Kriminali.

**9**. Illi allura qabel ma tinoltra ruħha fil-lanjanzi imqanqla mill-Avukat Ġenerali fir-rikors ta'l-appell minnu imressaq, l-ewwel kwistjoni li trid neċessarjament tiġi indirizzata hija dik dwar l-appellabilita' tad-decizjoni impunjata, li hi ta' ordni pubblika, u dan peress li jekk jirriżulta li d-deċiżjoni appellata hi fil-fatt u fid-dritt

inappellabbli, jkun isegwi li r-rikors tal-appell huwa wieħed irritwali u null u konsegwentement ma jkunx hemm ħtieġa li din il-Qorti tikkonsidra l-aggravji miġjuba fih. Issa huwa indubitat illi:

> **"l-ordinament tal-procedimenti legali jemana biss u esklussivament mil-ligi kif mdawwla bl-interpretazzjoni taghha mill-qrati li ghandhom il-funzjoni li jaghtu t-tifsira awtentika tal-ligijiet tal-pajjiz. Hija wkoll il-ligi li tippreskrivi l-parametri tal-kompetenza ta' kull qorti u ebda qorti ma tista' tohrog 'il barra minn dawk il-parametri ghaliex anki l-qrati huma soggetti ghall-ligi. Ghalhekk, jekk il-ligi ma taghtix dritt ta' appell minn xi decizjoni ta' xi qorti jkun isegwi li dak id-dritt ta' appell ma jkunx jezisti skont il-ligi[1]."**

**10.** Illi l-jedd ta'l-appell mill-ġurijiet ġie introdott fis-sistema leġislattiva ta' pajjizna permezz ta'l-Att XXV tal-1967, kif sussegwentement emendat, sa riċentement, fejn permezz ta'l-Att III tal-2002 ġie introdott id-dritt ta' appell ta' l-Avukat Generali mill-piena u minn punti ta' dritt f'verdett liberatorju, u imbagħad permezz ta'l-Att IV tal-2014, l-Att VIII tal-2015 u l-Att XXXII tal-2018 ġie imwessa dan il-jedd ta' l-appell sabiex illum l-Avukat Ġenerali għandu dritt jappella kemm mill-verdett kif ukoll mis-sentenza, u dan fil-parametri imfassla fl-artikoli 499 *et seq*. tal-Kodiċi Kriminali.

**11**. Illi s-setgħat ta' din il-Qorti meta jsir appell mill-Avukat Ġenerali huma delinejati fis-sub-inċiż (5) għall-artikolu 500 meta hemm hekk dispost:

> **Fuq bażi ta' appell magħmul is-subartikolu (2) jew (4), il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha tiddetermina, tvarja jew tmur lura mill-verdett li minnu sar l-appell, jew, jekk tqis li kellha tingħata sentenza aktar gravi, tħassar is-sentenza mogħtija fil-kawża u tagħti dik is-sentenza aktar gravi ġustifikata bil-liġi minflok l-oħra, kif jidhrilha li kellha tingħata, u għandha f'kull każ ieħor tiċħad l-appell:**
>
> **Iżda, jekk il-qorti tqis li dan ikun iżjed ġust fiċ-ċirkostanzi, hija għandha tħassar is-sentenza u tibgħat il-każ għal smigħ mill-ġdid quddiem il-Qorti Kriminali.**

[1]Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler deciza 26/02/2009 App.Sup

**12**. Illi taħt is-Sezzjoni V, Taqsima I, tat-Tieni Ktieb, tal-Kap 9, li jitkellem dwar il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, u speċifikatament fl-artikolu 497, il-kelma "sentenza" hija definita b'dan il-mod :

> **"il-kelma 'sentenza' tinkludi kull ordni tal-qorti magħmul fuq dikjarazzjoni ta' ħtija b'riferenza għall-persuna misjuba ħatja u s-setgħa tal-Qorti tal-Appell Kriminali li tagħti sentenza tinkludi setgħa li tagħmel ordni bħal dak."**

**13**. Illi fil-preambolu magħmul għaż-żewġ aggravji minnu mqanqla, l-Avukat Ġenerali jilmenta illi ħassu aggravat mill-'verdett' stante li l-piena erogata kienet riżultat ta' miżinterpretazzjoni manifesta jew applikazzjoni manifestament skorretta tal-liġi, bl-appellati għalhekk jikkontendu illi din id-diċitura adoperata mill-Avukat Ġenerali tirrifletti l-jedd ta' appell lilu mogħti fl-artikolu 500(4) hawn fuq iċċitat, meta fil-fatt it-talba kellha tinġieb 'il quddiem bis-saħħa tal-jedd mogħti lill-Avukat Ġenerali li jappella mis-sentenza, u kwindi mill-piena erogata fit-termini ta'l-artikolu 500(2) tal-Kodiċi Kriminali[2].

**14**. Illi minn qari tar-rikors ta'l-appell jirriżulta illi dak li qed jilmenta minnu l-Avukat Ġenerali huwa l-applikazzjoni żbaljata magħmul mill-Qorti Kriminali ta'l-artikolu 22(2)(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 120A(2)(a) tal-Kapitolu 31, kif ingħad. Dan seħħ, fil-fehma tiegħu, meta l-Qorti Kriminali għaddiet biex tapplika fil-konfront tal-appellati dak maħsub fis-sub-inċiż (2)(a)(ii) taż-żewġ dispożizzjonijiet tal-liġi, minflok is-sub-inċiż (2)(a)(i) li jikkontempla ir-reati li dwarhom l-appellati kienu misjuba ħatja.

**15**. Illi madanakollu, jingħad x'jingħad fil-korp tar-rikors tal-appell u fl-aggravji ntentati mill-appellant, il-Qorti hija marbuta b'dak li jinsab fit-talba kontenuta fl-imsemmi rikors u ċioe' illi:

> ***"Tħassarha f'dik il-parti fejn applikat l-artikolu 22(2)(a)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 120A(2)(a)(ii) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u minflok tgħaddi biex tapplika u tagħti l-piena skont l-***

---

[2] (2) L-Avukat Ġenerali jista' jappella lill-Qorti tal-Appell kontra liberazzjoni jew sejba żbaljata ta' ħtija fuq l-att ta' akkuża jew parti minnu jew kontra s-sentenza mogħtija, sakemm is-sentenza ma tkunx waħda stabbilita mil-liġi.

*artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 120A(2)(a)(i) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u;*

*Tikkonfermaha fil-kumplament tagħha."*

Illi huwa indubitat minn qari ta' din it-talba, illi l-ilment ta'l-Avukat Ġenerali huwa dirett unikament lejn is-sentenza tal-Qorti Kriminali, li meta sabet ħtija ghar-reati addebitati lill-appellati minflok fil-parti dispositiva indikat l-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kapitolu 101 u l-artikolu 120A(2)(a)(i) tal-Kapitolu 31, u dan wara ammissjoni inkondizzjonata reġistrata mill-appellati għar-reati hemmhekk ikkontemplati, erronjament iċċitat is-sub-inċiż (2)(a)(ii) taż-żewġ disposizzjonijiet tal-liġi u allura ndikat li kienet qed tiġi applikata dik il-piena li ma hijiex maħsuba għar-reati li dwarhom instabet il-ħtija.

**16.** Illi, kif ingħad, l-Avukat Ġenerali għandu l-jedd ta' appell kif imfisser kemm fis-sub-inċiż (2) kif ukoll (4) għall-artikolu 500 li jinkorpora fih kemm l-appell mill-verdett (kemm dak liberatorju kif ukoll dak ta' ħtija) kif ukoll mis-sentenza tal-Qorti Kriminali, b'din il-Qorti mogħtija s-setgħa kemm li tbiddel il-verdett kif ukoll li tvarja is-sentenza sabiex tingħata waħda ġustifikata skont il-liġi. Ġaldarba fl-appell minnu ntentat l-Avukat Ġenerali qiegħed jitlob li tingħata dik is-sentenza maħsuba bil-liġi, ma jidhirx illi l-preġudizzjali imqanqal mill-appellati jistħoqqlu akkoljiment u dan sempliċment għaliex fid-diċitura adoperata fil-korp tar-rikors setgħet intużat il-kelma "verdett" minflok "sentenza". It-talba hija ċara, l-ilment imressaq 'il quddiem mill-Avukat Ġenerali huwa daqstant ċar u inekwivoku, bil-Qorti għalhekk imsejħa tissindika s-sentenza appellata, u mhux xi verdett, u dan fit-termini ta'l-artikolu 500(2) u (5) tal-Kodiċi Kriminali. Allura jikkonsegwi li ġaladarba t-talba taqa' f'parametri legali imsemmija fil-Liġi konċedenti dritt t'appell lill-istess Avukat Ġenerali – ossija l-artikolu 500(2) tal-Kodiċi Kriminali - l-istess appell xorta waħda jitqies li huwa msejjes fil-Liġi, anke jekk il-kliem użat mill-appellant setgħu kienu iżjed preċiżi. Kwindi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-preġudizzjali sollevat miż-żewġ appellati ma jistħoqqlux akkolijment u qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

**17**. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, madanakollu, huwa indubitat illi hemm karenza fis-sentenza appellata u dan għaliex l-Avukat Ġenerali għandu raġun meta jilmenta illi l-Qorti Kriminali indikat id-diżposizzjonijiet tal-liġi żbaljati fil-parti deċiżorja meta ġiet biex tapplika l-piena għar-reati li dwarhom kienet qed tinstab il-ħtija. Din hija qorti ta` revizjoni u ghalhekk trid tara, f'dan l-istadju, jekk ghandhiex is-setgħa hija stess tagħti r-rimedju li fl-aħħar mill-aħħar huwa mixtieq u imfittex mill-appellant Avukat Ġenerali u ċioe' li tingħata dik is-sentenza konformi mal-akkużi li dwarhom instabet il-ħtija mill-Qorti Kriminali u dan wara ammissjoni nkondizzjonata mill-akkużati, appellati f'dawn il-proċeduri.

**18**. Jibda biex jingħad illi, kuntrarjament għal dak sottomess mill-abbli difensuri tal-appellati, l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali ma jsibx applikazzjoni għal dawk is-sentenzi mogħtija mill-Qorti Kriminali u kwindi l-karenza lamentata ma tagħtix lok għan-nullita' tas-sentenza appellata.

**19**. Illi l-artikolu 502 tal-Kodici Kriminali, għalkemm ma jikkontemplax sitwazzjoni identika għal dik in diżamina, jagħti setgħa lil din il-Qorti tal-Appell li tmur lura jew li tvarja verdett jew sentenza, u li taghti dik is-sentenza li hija konformi aktar mal-verdett moghti. Mhux biss izda l-Qorti għandha dejjem is-setgħa li tagħmel dak kollu li jidhirilha espedjenti fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja fit-termini tal-artikolu 498(4) tal-Kodiċi Kriminali. Dan abbinat ma' dak dispost fl-artikolu 500(2) tal-Kodiċi Kriminali li jagħti d-dritt lil Avukat Ġenerali iressaq appell unikament fuq is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali u s-setgħa tal-Qorti li tħassar is-sentenza u tagħti dik is-sentenza ġustifikata skont il-liġi.

**20**. Illi minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta illi z-zewġ appellati ġew misjuba ħatja tar-reati kontemplati fl-erba' kapi ta'l-Att t'Akkuża. Illi meta ġie biex ifassal dawn l-erba' kapi, l-Avukat Generali għoġbu jixli lill-appellati fl-Ewwel Kap, bir-reat tal-bejgħ u traffikar tad-droga kokajina, fit-Tieni Kap bir-reat tal-pussess aggravat ta' din l-istess droga, fit-Tielet Kap, bir-reat tal-pussess aggravat tar-raża tal-*cannabis* u fir-Raba', u l-aħħar, Kap, bir-reat tal-pussess aggravat ta' mediċina psikotropika. Illi għalkemm għat-tielet kap tal-Att t'Akkuża, l-Avukat Ġenerali talab biex l-appellati

jiġu kkundannti għal piena ravvizżata fl-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kapitolu 101 u ċioe' dik tal-priġunerija għall-għomor, għal xi raġuni għar-reati ikkontemplati fil-kapi l-oħra talab sabiex ikun hemm il-kundanna għal piena maħsuba fl-artikolu 22(2)(a)(ii) u ċioe' il-piena ta' mhux inqas minn tnax-il xahar priġunerija, iżda mhux aktar minn għaxar snin priġunerija, u ċioe', għal dik il-piena li mhux ikkontemplata għar-reati li dwarhom kien qed jixli lill-appellati f'dawn it-tlett kapi.

**21**. Illi dan magħdud jidher illi l-Qorti Kriminali fil-parti dispożittiva tas-sentenza ċċitat l-artikoli 22(2)(a)(ii) tal-Kap.101 u l-artikolu 120A(2)(a)(ii) tal-Kap.31 u għaddiet biex tinfliġġi l-piena ta' tlett snin priġunerija u multa ta' €2500 fil-konfront tal-appellat Wayne Pisani, u dik ta' tlett snin u sitt xhur priġunerija u multa ta' €3000 fil-konfront ta' l-appellat Justin Zahra, billi dan ta'l-aħħar kien misjub ħati bl-addebitu tar-reċidiva. Issa filwaqt li l-Avukat Ġenerali jilmenta illi din il-piena mhijiex dik maħsuba għar-reati ta' traffikar u pussess aggravat ta' droga u allura huwa evidenti illi l-Qorti Kriminali wasslet għal din il-piena billi applikat l-ligi b'mod skorrett, l-appellati minn naħa tagħhom isostnu illi l-piena kienet waħda li taqa' fil-parametri tal-liġi billi favur l-appellati kien hemm l-applikazzjoni ta'l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta b'żewġ gradi, u allura kellu jkun evidenti illi l-indikazzjoni mill-Qorti Kriminali tad-disposizzjonijiet tal-liġi żbaljati kien jammonta sempliċement għal *lapsus calami* jew aħjar ta' *lapsus computetri*.

**22**. Illi eżaminati l-atti tal-kawża, u senjatament ix-xiehda tal-ex Spettur Pierre Grech u l-Assistent Kummissarju Dennis Theuma[3], jemerġi illi l-appellati assistew lil pulizija fl-investigazzjonijiet sabiex dawn wasslu biex jixlu persuna oħra li kien issupplixxa d-droga lill-appellati. Fid-dawl ta' din l-assistenza, u wara dikjarazzjoni magħmula minn dawn ix-xhieda, illi l-appellati kellhom jibbenfikaw mill-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 favur tagħhom, il-Qorti Kriminali għaddiet sabiex meta ġiet biex tikkalibra il-piena, applikat tnaqqis b'żewġ gradi.

[3] Xiehda mogħtija fit-30 ta' Awwissu 2021

**23**. Illi l-ogħla piena applikabbli ghar-reat ta' traffikar u pussess aggravat ta' droga hija dik tal-priġuneirja għall-għomor, iżda għalkemm ma hemmx indikazzjoni fil-parti dispożittiva illi l-Qorti Kriminali applikat il-*proviso* (aa) għall-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kapitolu 101, u l-artikolu 120A(2)(a)(i) tal-Kap.31, madanakollu mid-diċitura tas-sentenza hemm indikazzjoni li kienu qed jittieħdu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ kif imsemmija f'dan il-*proviso* u dan meta l-Qorti Kriminali hekk iddeċidiet:

> **"Wara li rat il-fedina penali tal-akkuzati u wara li tqis li l-akkuzati ghandhom jibbenefikaw bi tnaqqis ta' zewg gradi fil-piena fit-termini tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta u dan wara li qieset dak li xehedu iz-zewg Ufficcjali tal-Pulizija u li hu korroborat mill-atti `processwali;**
>
> **Wara li semghet lill-Ufficcjal tal-Probation tixhed dwar is-Social Inquiry Report minnha mhejji u pprezentat fuq inkargu ta' din il-Qorti dwar l-akkuzat Wayne Pisani u wara li ezaminat l-istess rapport fid-dettall;**
>
> **Hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi dan il-kaz jirrisali lura ghas-sena 2009 u waqt l-indagini kondotta mill-Pulizija, l-akkuzati kienu rrilaxxjaw stqarrija fi zmien meta ma kien hemm l-ebda forma ta' assistenza legali li setghu jirrikorru ghaliha waqt li kienu fil-kustodja tal-Pulizija fl-hekk imsejjah pre trial stage u l-prova ta' traffikar tas-sustanza Kokaina kienet l-istess stqarrija taghhom kif jirrizulta mill-atti processwali stante li dak misjub fil-pussess taghhom kwantu din is-sustanza kien ammont f'total ta' 7.59 grammi. Ghad illi dan mhux ammont zghir u li wahdu, flimkien mal-oggetti kollha misjuba u l-istat li fih instabet din is-sustanza seta' wahdu jaghti lok ghall-akkuza ta' pussess bl-aggravanti, kienet l-istqarrija taghhom stess li nkriminathom li kienu qed ibieghu din is-sustanza illecita. Dan qed ikun konsiderat mill-ottika tal-kuncett ricenti tal-*overall fairness of the proceedings* fejn allura dik il-parti tal-istqarrija rigwardanti t-traffikar tas-sustanza Kokaina kienet, tista' tghid, l-prova inkonputabbli, kwantu l-ewwel akkuza;"**

**24**. Illi applikat dan l-imsemmi *proviso*, il-Qorti tista' tikkundanna l-ħati għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn erba' snin iżda mhux iżjed minn tletin sena u multa ta' mhux inqas minn €2,329.37 iżda mhux iżjed minn €116,468.67. Issa fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti qalet li kienet qed tapplika l-artikolu 29 tal-Kap. 101 u tnaqqas il-piena b'żewġ gradi. Dan ifisser illi l-parametri tal-piena niżlu għal perijodu ta' priġunerija minn sentejn sa tnax-il sena, u dik pekunjarja tnaqqset bin-nofs u għalhekk għal multa ta' mhux anqas minn €1164.68 iżda mhux iżjed minn

€58,234.33. Illi fir-rigward tal-appellat Justin Zahra, billi dan kien misjub ħati bl-addebitu tar-reċediva, allura l-piena kellha terġa' tiżdied bi grad sabiex allura l-parametri applikabbli fil-każ ta' Zahra huma ta' perijodu ta' priġunerija bejn tlett snin u għoxrin sena.

**25**. Illi fil-kawża ***ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Zerafa et***[4], din il-Qorti, kif diversament komposta, f'każ konsimili, ħadet in konsiderazzjoni ukoll dak imfassal fis-*Sentencing Guidelines* tal-Ingilterra meta stqarret:

> **Peress illi l-ammissjoni saret proprju qabel ma gie ffurmat il-ġuri, u allura "at the door of the court", anke kieku kellhom jigu applikati s-Sentencing Guidelines ta' l-Ingilterra (li ma huma xejn ħlief hekk, cioe` guidelines għall-Qrati Ingliżi), it-tnaqqis massimu rakkomandat huwa ta' "one-tenth".**

Illum il-liġi regolatorja fir-rigward ta' sentenzjar fl-Ingilterra hija regolata bis-*Sentencing Act* tal-2020 fejn f'każ ta' ammissjoni, ir-riduzjoni applikabbli hija dik ta' massimu ta' 20% tal-piena[5]. Illi anke jekk fil-qafas legislattiv tad-dritt penali tagħna ma jeżistu ebda linji gwida jew inkella regolamentazzjoni dwar sentenzjar, madanakollu għadd kienu id-drabi li l-qrati tagħna ħadu kont ta'l-ammissjoni reġistrata mill-persuna akkużata bħala attenwanti għal piena. Dan apparti, f'dan il-każ, konsiderazzjonijiet oħra li l-Ewwel Qorti qieset inkluż it-trapass taż-żmien, r-riforma tal-ħatja, u l-ammissjoni minnhom magħmul fl-istqarrijiet rilaxxati minnhom lil pulizija għar-reat imfassal fl-Ewwel Kap ta'l-Att t'Akkuża, fiż-żmien meta dawn ma kellhomx dritt għall-assistenza legali.

**26**. Illi l-fatturi li jemerġu mill-konsiderazzjonijiet dwar il-piena magħmula fis-sentenza appellata, abbinati mal-ammissjoni reġistrata mill-appellati qabel ma ġie iffurmat il-ġuri, jwasslu lil Qorti għal konklużjoni illi l-piena erogata mill-Qorti

[4] Deċiża 15/12/2015 – 31/2007

[5] Ara artikolu 73 tas-Sentencing Act 2020.

Kriminali kienet fil-parametri tal-liġi, u ukoll kienet tali li tagħmel ġustizzja fiċ-ċirkostanzi, mhux biss għaliex l-għajnuna mogħtija mill-appellati wasslet għal prosekuzzjoni tas-*supplier* tagħhom tad-droga, iżda ukoll għaliex ħolqot dak il-bilanċ imfittex fis-sistema ġudizzjarja bejn ir-retribuzzjoni li l-ħati għandu jagħmel lis-soċjeta għall-egħmil kriminuż minnu mwettaq, u ir-riforma tiegħu. Dak li ma tistax tifhem il-Qorti, madanakollu, huwa il-mottiv li wassal lil Qorti Kriminali għal disparita' fil-piena erogata fil-konfront taż-żewġ appellati misjuba ħatja ta'l-istess reati, billi din id-diverġenza ma tidhirx li hija ġustifikata fil-motivazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għal komputazzjoni tal-piena. Dan għaliex għalkemm il-piena erogata, kif ingħad, hija waħda li taqa' fil-parametri tal-liġi, madanakollu, billi il-piena fil-konfront tal-appellat Zahra kellha tonqos bi grad biss, dan il-fatt imbagħad ma kienx rifless fil-komputazzjoni magħmula għal kull wieħed mill-akkużati, billi hemm biss żieda ta' sitt xhur bejn il-piena inflitta fuq Pisani u dik fuq Zahra. Dan magħdud, madanakollu, billi ma hemm ebda aggravju fuq dan il-punt mill-Avukat Ġenerali, l-Qorti hija prekluża milli tissana dak li, fil-fehma tagħha, jammonta għal disparita' bejn il-piena inflitta fil-konfront taż-żewġ akkużati, appellati f'dawn il-proċeduri, misjuba ħatja tal-istess reati.

**27**. Għaldaqstant magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, u billi, kif ingħad il-piena erogata taqa' fil-parametri tal-liġi u hija tali li tagħmel ġustizzja fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm il-Qorti ser tgħaddi biex tissana id-difett fid-*decide* tal-Ewwel Qorti, madanakollu hija tal-fehma illi l-piena erogata fil-konfront taż-żewġ appellati għandha tibqa' mhux mittiefsa.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell ta'l-Avukat Ġenerali parzjalment, tgħaddi biex tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġew applikati id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 22(2)(a)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 120A(2)(a)(ii) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u minflok tgħaddi biex tapplika d-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-**

**Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 120A(2)(a)(i)(aa) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan madanakollu illi tikkonferma l-piena erogata fil-konfront tal-appellati Justin Zahra u Wayne Pisani, u l-kumplament tas-sentenza appellata fil-bqija.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Aaron Bugeja**